# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 47

**It-Tlieta, 7 ta' Marzu, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku (ċerman) |
| Is Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier (onlajn) |
| Is Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera (onlajn) |

Membri tal Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |

**ASSENTI:**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppresjeda.

## 47.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

47.01.01 (SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittra t'apoloġija, mingħand il-kunsilliera (MM), il-kunsillier (CS), kif ukoll mingħand il-viċi Sindku. Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet, u wara li fiehem ir-raġunijiet, approvahom.

## 47.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 46)

47.02.01 (AC) irrimarka li f' punt (46.11.01) Triq Iż-Żebbuġ, u mhux Taż-Żebbuġ. Filwaqt li rrimarka, u l-membri qablu, li f' punt (46.14.01), tiżdied marka li tindika li l-kunsillier (CS) laħaq wieġeb qabel ma kien telaq.

Prop (SZ) Sek (AC)

## 47.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

47.03.01 (SC) staqsa jekk kienx hemm xi punti biex jitressqu fuq l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Ħadd mill-membri preżenti ma kellu l-ebda oġġezzjoni, u għaldaqstant kemm l-iskema tal-pagamenti, kif ukoll il-petty cash, ġew approvati mill-Kunsill.

Prop (JF) Sek (SZ)

## 47.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

47.04.01 (SC) ippreżenta dawn il-kwotazzjonijiet:

1. Xkaffar għal-librerija pubblika – (SC) ressaq tliet kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jmur għal fornitur (K) għal prezz ta' €1,200.00. Għalkemm dan ma kienx l-orħos prezz, però dan il-fornitur kien lest li jagħmel support taħt l-ixkafef, sabiex ikunu jifilħu l-piż tat-toqol tal-kotba.

2. Lapel pins - (SC) ressaq żewġ kwotazzjonijiet. Il-membri qablu li jmorru għal fornitur (D), bil-prezz ta' €175.00 għal ħamsin waħda.

3. Rubber road humps – (SC) ressaq żewġ kwotazzjonijiet li l-uffiċċju kien laħaq irċieva. Il-Kunsill qabel li mmorru għal fornitur (B). Dawn ir-rubber road humps għandhom ikunu baxxi, (60 x 3). (SZ) issurġġerixxa li fornitur li kien laħaq ma bgħattx il-kwotazzjoni, l-uffiċċju xorta waħda jkompli javviċinah, minħabba li fil-futur, il-Kunsill jaf jerġa' jkollu bżonn aktar.

## 47.05 Approvazzjoni tal-baġit, 2022

47.05.01 (SE) ippreżentat kopja tal-baġit għal din is-sena, 2022. Hija fehmet li suppost dan il-baġit kellu jiġi approvat fix-xhur ta' qabel. Madankollu, minħabba diversi raġunijiet, dan ġie ppreżentat illum. Wara li ġie diskuss u maqbul bejn il-membri preżenti, il-Kunsill approva dan il-baġit.

Prop (SC) Sek (AC)

## 47.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.06.01 Is-Sindku tkellem u ta aġġornament lil membri, fuq dawn il-punti msemmija:

- Wied Żnuber:- Is-Sindku talab lil membri li hemm il-possibilità li din il-ġimgħa jerġa' jsejjaħ lil membri, sabiex flimkien jiddiskuti l-każ ta' applikazzjoni għal mitjar tal-minjatura, ġewwa Wied Żnuber.

- Ix-xogħlijiet f' Dawret il-Qalb Imqaddsa:- Is-Sindku ta aġġornament ta' kif qiegħed jitqassam ix-xogħol tal-kisi tat-tarmak, u l-fażijiet ta' kif qegħdin isiru. Huwa spjega wkoll illi, minħabba l-Miġja taż-żjara tal-Qdusija tiegħu, il-Papa, il-parti tat-triq, minn biswiet il-latrina ta' San Ġorġ, sar roundabout tad-daħla ta' Triq Zaren Dalli, mhix ser tkun qiegħda ssir, għalissa.

- Żieda ta' parkeġġ, fil-Bajja s-Sabiħa, minn Triq id-Duluri, sa Triq Birżebbuġa, in-naħa tal-baħar.

- Il-belisha light ta' quddiem il-piċċ tal-waterpolo u dik proposta għal quddiem il-binja tal-Kunsill.

- Culvert fi Triq San Pawl.

- Berġa tas-Saħħa:- il-Kunsill irċieva tliet applikazzjonijiet għal kiri ta' binjiet, differenti. (SC) ser ikun qiegħed iressaqhom lid-Dipartiment tas-Saħħa tal-Kura Primarja, minħabba li dan id-dipartiment irrid jevalwa dawn il-binjiet u jara jekk jikklassifikawx.

- Is-Sindku spjega wkoll dwar laqgħa li kellu mal-Awtorità tal-Artijiet. Dawn sabiex jivverifikaw jekk hemmx xi djar ġewwa l-lokalità li forsi ser jgħalqilhom iċ-ċens u tkun tista' tintuża bħala l-Berġa tas-Saħħa Pubblika.

- Tenders:- Contracts Manager – Dan qiegħed jiġi pproċessat, ħalli mbagħad jgħaddi għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Kuntratt tal-Knis – qiegħed jistenna xi emendi mingħand il-maniġer tal-kuntratti, ħalli wkoll jgħaddi għal proċess mad-Dipartiment tal-Kuntratti Pubbliċi.

- Latrina ta' San Ġorġ:- Il-proċess għaddej. Fil-preżent qiegħed isir it-twaħħil tal-madum, u bil-ħsieb li titlesta' sa nofs April, 2022.

- Latrina ta' Wied il-Buni:- Huwa spjega kif is-sistema tad-drenaġġ, spiċċat, il-katusi terrew, filwaqt li l-infrastrutura m'għadniex tiflaħ. Għaldaqstant, ġie maqbul sabiex l-uffiċċju jġib kwotazzjonijiet għal container mobile toilet.

- Is-Sindku fakkar li l-Qdusija tiegħu, il-Papa Franġisku, ser ikun qiegħed jgħaddi mil-lokalità, il-Ħadd 3 t' April, waranofsinhar. Huwa spjega wkoll kif diġà kellu laqgħa mal-baned, il-kappillan, kif ukoll tal-armar tal-festa. (SE) spjegat lil membri li mhux għaqli li nħallsu ħafna flus lil baned, meta l-Qdusija tiegħu kulma ser ikun qiegħed jgħaddi mit-triq, bil-karozza u mhux bil-Pope Mobile. Talbet ukoll li kull ħlas irrid issir bi kwotazzjoni minn qabel u jrid ikun hemm l-approvazzjoni ffirmata, min-naħa tagħha, bil-quddiem, skont kif titlob il-proċedura.

## 47.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

47.07.01 (AC) staqsa lil (SZ) dwar is-survey fur il-latrina taż-żona ta' San Ġorġ. (SZ) aġġorna lil kunsill, illi avviċinatu l-Perit u qaltlu li kien hemm problema ta' compliance u li kellha l-impressjoni li qed tistenna dan is-survey. Għaldaqstant is-Sindku talab, sabiex l-uffiċċju jqabbad, biex isir dan is-survey.

47.07.02 (AC) ressaq it-talba ta' residenta, sabiex isir parkeġġ għal mutur, fi Triq F.M Ferretti. (SZ) staqsa lil (AC), jekk din ir-residenta tkellmitx u ġabitx l-approvazzjoni ta' sid il-garaxx fejn qiegħed jiġi propost dan il-parkeġġ, minħabba li jrid ikun hemm spazju ta' metru. Sakemm is-seduta kienet għaddejja, (AC) għamel kuntatt ma' din ir-residenta u staqsieha. Hi wieġbet li iva, u li s-sid kien lest li jipprovdi n-numru tal-kuntatt, ħalli l-Kunsill jivverifika. Is-Sindku talab lil (AC) sabiex jipprovdi n-numru tal-kuntatt, ta' sid il-garaxx.

## 47.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

47.08.01 (SE) fakkret li l-iskrivan Christian Mifsud ser tgħalaqlu l-probation qabel mal-Kunsill jerġa' jiltaqa' għal seduta oħra. Għaldaqstant il-Kunsill irrid jieħu d-deċiżjoni tiegħu llum, jekk jixtieqx li dan l-iskrivan ikompli. Il-Kunsill qabel li dan l-iskrivan qiegħed iwettaq xogħol sodisfaċenti u għandu jibqa'.

47.08.02 (SE) staqsiet lil Kunsill jekk huwiex interessat li japplika għall-iskema tal-GALXLOKK (Miżura 3) – Cultural Heritage. Il-Kunsill qabel li ma japplikax.

47.08.03 (SE) resqet għall-approvazjoni tal-Kunsill, talba mingħand applikant, sabiex jarma' trampoline fil-Bajja s-Sabiħa, bejn il-15 ta' Mejju, u 15 ta' Settembru, 2022. Is-Sindku aġġorna lil membri fuq seduta tal-Qorti li kellu aktar kmieni dakinhar, li kienet titratta fuq l-istess suġġett. Huwa qal li minn issa 'l quddiem, il-Kunsill irrid jibda jikkonsidra u jevalwa kull talba li tidħol għall-użu kummerċjali, fuq il-Bajja s-Sabiħa. Il-membri preżenti approvaw it-talba għat-trampoline, fuq il-prinċipji li dan l-applikant fis-snin l-imgħoddija, dejjem osserva r-regolamenti, kif ukoll, li dan il-permess irid jiġi approvat ukoll mill-Awtorità tal-Artijiet.

## 47.09 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

47.09.01 (JF) reġa' fakkar fuq is-survey li kellu jsir, sabiex jiġi ddentifikat l-ammont ta' vetturi li jidħlu u joħorġu minn Birżebbuġa. (SE) spjegat kif kienet resqet din ir-rikjesta mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, fejn l-uffiċċju ġie informat illi ma jipprovdux dan is-servizz, kif ukoll mal-Awtorità tat-Trasport, fejn l-uffiċċju għadu qed jistenna risposta. Għaldaqstant, il-membri qablu li għandu jsir min-naħa tal-Kunsill, billi nitolbu għal kwotazzjonijiet.

47.09.02 (JF) staqsa lis-Sindku meta ser issir il-laqgħa mal-Ministru, fir-rigward il-proġett ta' Wied il-Buni, li ilha tiġi pposponuta għal diversi drabi. Is-Sindku wieġeb li fil-mument, l-aħjar li nistennew l-elezzjoni ġenerali, tgħaddi.

47.09.03 (JF) tkellem ukoll fuq il-ħtieġa li jinżebgħu l-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali. Il-membri ssuġġerrew li jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. Inġibdet l-attenzjoni tas-(SE), li l-fanali ta' fuq iz-zuntier jappartjenu lil Knisja/ Arċidjoċesi ta' Malta u bl-ebda mod mhu xogħol il-Kunsill. Madankollu, il-membri ma qablux! (SE) kompliet tispjega li jekk xi ħaddiem ikollu inċident, il-polza tal-assigurazzjoni ma tkoprihx. Wara d-diskussjoni ġie deċiż li jiġu mixtrija r-reflectors u jiġu miżbugħa l-fanali taz-zuntier, mill-ħaddiema.

## 47.10 Proġetti u skemi

47.10.01 Is-Sindku aġġorna lil membri li, dalwaqt ser ikunu qegħdin jiġu installati l-percussions li konna applikajna għalihom, skont iċ-Ċirkulari (MFER/51/2021), fil-Ġnien l-Ewropa.

## 47.11 Indafa u ambjent

47.11.01 (SC) aġġorna li wara li l-maniġer tal-kuntratti tkellem mal-kuntrattur tal-ġonna, jidher li x-xogħol mixxi sewwa u kif suppost.

## 47.12 Attivitajiet

47.12.01 (SC) fakkar li nhar il-Ħadd, 13 ta' Marzu, ser tkun qed issir wirja tal-vetturi FORD, fil-Bajja s-Sabiħa, bejn 09:00 – 12:00.

## 47.13 Kultura, żgħażagħ u sport

NIL

## 47.14 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

NIL

## 47.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.17.01 (SE) Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta (48) ser issir, nhar it-Tlieta, 12 t' April, 2022, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, fil-boardroom tal-Kunsill. Fi tmiem il-laqgħa, il-membri awguraw lil kunsillier (SZ), għall-kanditatura tiegħu, għall-Elezzjoni Ġenerali, li ser issir, is-Sibt, 26 ta' Marzu, 2022.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ___________________________ | ___________________________ |
| Scott Camilleri | Jordy Brincat |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |